MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 1688/2010

**Christine Sammut (ID-260670M) u b'digriet tat-Tribunal datat 27 ta' Mejju, 2011 l-atti gew trasfuzi f'isem**
**Susan Sammut bhala kuratrici sabiex tirraprezenta l-interessi tal-minuri Caricia Alexandra Sammut, u l-istess**
**Caricia Alexandra Sammut li assumiet l-atti f'isimha personali**

**vs**

**Caroline Bartolo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tal-ammont ta' elfejn, mitejn u erbatax-il ewro, wiehed u hamsin centezmu (€2,214.51c) rapprezentanti xoghol supplit skont fatturi relattivi, liema fatturi baqghu ma thallsux nonstante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma' dan l-att, u l-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' dan l-Att sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-rikors intavolat minn Susan Sammut datat 28 ta' April, 2011, u d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 4 ta' Mejju, 2011.

Ra n-nota ta' Susan Sammut datata 27 ta' Mejju, 2011, u d-digriet ta' dan it-Tribunal li nghata fl-udjenza tas-27 ta' Mejju, 2011 fejn it-Tribunal laqa' t-talba ta' Susan Sammut sabiex l-atti jigu trasfuzi f'isimha bhala kuratrici tal-minuri Caricia Alexandra Sammut.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi l-ammont dovut mill-konvenuta huwa ta' elf, disa' u tmenin ewro, tnejn u erbghin centezmu (€1,089.42c) u mhux dak indikat; Illi l-attrici, ossia l-mejta Christine Sammut kellha tmur ghand il-konvenuta sabiex tiehu lura xi prodotti taz-zebgha stante li l-konvenuta illum ma tistax tkompli bix-xoghol taghha minhabba ragunijiet ta' sahha; Ghaldaqstant, din it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li kien hemm ftehim bejn il-partijiet kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni.

Ra l-verbali ta' diversi seduti, fejn it-Tribunal gie nformat li l-partijiet kienu qed jesploraw il-possibilita' li jaslu ghal transazzjoni; ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar, 2013, fejn it-Tribunal gie informat li t-transazzjoni ma sehhitx.

Semgha x-xhieda mressqa mill-attrici, u ha konjizzjoni tad-dokumenti li gew esebiti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju, 2013 fejn it-Tribunal gie mitlub sabiex il-kawza tithalla ghas-sentenza fuq il-provi li jinsabu in atti, u d-digriet tat-Tribunal li permezz tieghu din it-talba giet milqugha.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attrici qed titlob hlas minghand il-konvenuta fl-ammont ta' elfejn, mitejn u erbatax-il ewro u wiehed u hamsin centezmu (€2,214.51c), liema ammont jirrizulta, ghal dak li jirrigwarda parti minnu, minn tliet-(3) fatturi li jinsabu ezebiti a fol.48 sa 50 tal-atti, u in kwantu ghal parti minnu in bazi ta' zewg cheques indirizzati lid-defunta Christine Sammut, wiehed datat 2 ta' Frar, 2010 u l-iehor datat 15 ta' Frar, 2010, u li kopja taghhom tinsab a fol. 47 tal-atti, u wkoll a fol.54 u 55 tal-atti, liema cheques rilaxxjati minn Shawn Michael Bartolo ma ssarfux ghaliex gew *referred to drawer*. Illi minn informazzjoni li tat ir-rapprezentant tal-Bank relattiv irrizulta illi dawn ic-cheques ma gewx imsarrfa, u baqghu qatt ma gew imsarrfa.

Ikkunsidra,

Illi permezz tar-risposta taghha, il-konvenuta ddikjarat illi parti mill-ammont mitlub mill-attrici huwa fil-fatt dovut, u dan f'dak li jirrigwarda l-ammont ta' elf, disgha u tmenin ewro, tnejn u erbghin centezmu (€1,089.42c), filwaqt illi d-differenza hija kkontestata. Illi l-konvenuta ma ressqet ebda provi, u fir-risposta taghha tkompli sabiex tiddikjara illi l-kumplament tal-ammont mitlub mill-attrici mhux dovut ghaliex il-konvenuta kienet talbet lill-attrici sabiex tmur tiehu lura xi *stock* – konsistenti f'zebgha tax-xaghar – li ma kienitx tehtieg aktar 'l ghaliex kienet ser tieqaf mix-xoghol minhabba ragunijiet ta' sahha. Illi ebda wahda mill-partijiet ma ressqet ebda prova dwar il-ftehim li kien hemm bejniethom dwar il-modalita' ta' kif kellu jigi mwettaq il-hlas mill-konvenuta lill-attrici ghal dawn il-prodotti li gew mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta.

Illi mid-dikjarazzjoni li saret mill-konvenuta permezz tar-risposta taghha jirrizulta allura illi effettivament l-istock, ossia prodotti, li dwarhom saret din il-kawza lkoll gew ikkonsenjati lill-konvenuta, u li l-konvenuta kienet ghadha ma hallsitx lill-attrici taghhom. Illi jidher ukoll illi l-konvenuta ma kienitx disposta li thallas ghal parti minn dan l-istock mhux ghaliex ma gewx ikkonsenjati lilha, jew 'l ghaliex il-prodott ma kienx a sodisfazzjon taghha, izda

ghaliex jidher illi kienet ser twaqqaf l-operat tan-negozju taghha. Illi jidher ukoll illi dawn il-prodotti tax-xaghar, ossia z-zebgha tax-xaghar baqghu fil-pussess tal-konvenuta, u ghalkemm din tal-ahhar iddikjarat fir-risposta taghha illi kien hemm ftehim mal-attrici illi din tal-ahhar kienet ser tmur tigbor dawn il-prodotti minghand il-konvenuta, u ghalhekk tehodhom lura u ma jkunx aktar dovut il-hlas ghalihom, madanakollu, ma ngabet ebda prova mill-konvenuta illi kien intlahaq tali ftehim, jew li effettivament l-attrici kienet gabret u hadet lura dawn il-prodotti minghand il-konvenuta. Illi ghalhekk jidher illi tali prodotti baqghu, u ghadhom fil-pussess tal-konvenuta, ghaliex ma ngabet ebda prova mill-istess konvenuta illi tali oggetti ddisponiet minnhom, jew li possibilment iddepozitathom taht l-awtorita' tal-Qorti sakemm jintlahaq ftehim mal-attrici.

Illi ghalhekk gialadarba l-kontestazzjoni tal-konvenuta tittratta mhux dwar il-kwalita' jew il-kwantita' tal-prodotti li gew ikkonsenjati u mibjugha lilha, izda tittratta dwar allegat ftehim illi kien hemm bejn il-partijiet illi l-attrici kienet ser tiehu lura xi parti mill-istock mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuta – dwar liema ftehim ma ngabet ebda prova – it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kontestazzjoni tal-konvenuta li parti mill-hlas tal-ammont mitlub, mhux dovut, mhix gustifikata. Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, u jilqa' t-talba tal-attrici.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta gustifikata, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjonijiet tal-konvenuta, jilqa' it-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' elfejn, mitejn u erbatax-il ewro, wiehed u hamsin centezmu (€2,214.51c), bl-imghax mis-7 ta' Ottubru, 2011.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------